MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 259/2003

**Leisure Support Services Limited**

**vs**

**Joe Gerada, Richard Galea, Catherine Galea, Carmel Gatt, Br. Joseph Vella, Vince Tonna, Fr. Crispin Tabone u Antoine Tabone bhala membri tal-Bord tal-Gvernaturi in rapprezentazzjoni tal-Fondazzjoni Suret il-Bniedem**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-Fondazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u sitt liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,406.74) rapprezentanti drittijiet dovuti lis-socjeta’ attric ghal xoghol ta’ security rez, provdut u esegwit fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta fl-ewwel tlett ijiem ta’

Awisssu 2002 in konnessjoni mal-kuncert ossia festival imtella’ f’Pembroke mill-Fondazzjoni konvenuta.
Bl-imghax legali u bl-ispejjes kollha kontra l-istess Fondazzjoni konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-Fondazzjoni konvenuta fejn hiija eccepiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament il-Fondazzjoni konvenuta m’ghandhiex u qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici.

2. Fil-meertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fondazzjoni konvenuta qatt ma ddelegat ix-xoghlijiet in kwirtjoni lis-socjeta’ attrici u in kwalsiasi kaz, is-socjeta’ attric trid ticcara minn x’hiex jirrizultaw dawn id-drittijiet li allegatament huma dovuti lilha, jekk dan sarx bil-miktub jew bil-kelma, f’hiex kienu jikkonsistu dawn ix-xoghlijiet, meta gew delegati u minn min gew delegati.

3. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi sar ftehim bejn il-fondazzjoni konvenuta u M&E (Marketing & Entertauinment) Co. Ltd, liema ftehim sar permezz ta’ erba’ dokumenti, tlieta minnhom datati 24 ta’ April 2002 u iehor datat 8 ta’ Mejju 2002, fejn bhala agenzija lokali ghal artisti barranin l-istess M&E (Marketing and Entertainment) Co. Limited obbligat ruhha li ggib xi artisti maghrufa barranin sabiex jaghtu ‘performance’ f’kuncert illi l-fondazzjoni konvenuta kienet qed torganizza b’ghanijiet filantropici, liema kuincerti saru bejn l-1 u t-3 ta’ Awissu 2003. F’dan ir-rigward jigi sottomess illi mhux talli l-fondazzjoni konvenuta hallset lis-socjeta’ M&E (Marketing & Entertainment) Co. Limited l-ammont dovut lilha permezz tal-imsemmi ftehim, izda sahansitra hallset ammonti ohra ghal diversi xoghlijiet ohrajn li kellhom jigu esegwiti fuq premessi tas-socjeta’ M&E (Marketing & Entertainment) Co. Limited, liema premessi qatt ma gew onorati bir-rziultat illi l-fondazzjoni konvenuta sofriet telf kbir fl-imsemmija kuncerti li hija kienet organizzat, kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza odjerna.

4. Illi di piu', u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' M&E (Marketing & Entertainment) Co. Limited li maghha l-fondazzjoni konvenuta dahlet fi ftehim hawn fuq imsemmija, dejjem tat x'tifhem li d-drittjiet ghal xoghol ta' security, li ghalihom qed tippretendi hlas is-sochjeta' attrici, kienu jaqghu fil-parametri u sahansitra jiffurmaw parti mill-istess ftehim.

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha.

Sema' x-xhieda ta' Massimo Ellul, Joe Grima, Ronald Axisa, Terry Gosden, Br. Joseph Vella u Joe Borg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-tratttazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijeit.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-ocjeta'attrici jirrigwarda servizzi ta' sigurta' provduti minnha waqt kuncert li sar f'Pembrole bejn l-1 u t-3 ta' Awissu 2002. Is-socjeta' attrici ssostni li hija inghatat dan l-inkarigu verbalment mill-Fondazzjoni konvenuta. Din tal-ahhar min-naha l-ohra ssostni li m'ghandha ebda relazzzjoni guridika mas-socjeta' attrici srante li hija qatt ma nkarigataha taghmel servizzi ta' sigurta'. Il-Fondazzjoni konvenuta tispjega li hija kienet waslet fi ftehim mas-socjeta' M&E (Marketing & Entertainment) Co. Ltd sabiex din tal-ahhar tiehu hsieb li ggib xi artisti barranin li kellhom jiehdu sehem fl-imsemmi kuncert u f'dan ir-rigward gie ffirmat ftehim bil-miktub mas-socjeta' imsemmija ghan-nom tal-kull artitst barrani. Il-Fondazzjoni konventua ssostni wkol lli l-prezz indikat f'dawn l-sikritturi (a fol. 51 sa 54 tal-process) kien jikkomprendi s-ervizzi ta' sigurta'.

## Relazzjoni Guridika

Is-socjeta' attrici spjegat li hija tiffforma parti minn grupp ta'' kmpaniji li jaqghu taht il-kappa ta' M&E Management Group u li anki M&E (Marketing & Entertainment Co. Ltd)

tifforma parti minn dan il-grupp ta' kumpaniji li lkoll jofru servizzi relatati mal-entertainment. Il-Fondazzjoni konvenuta min-naha l-ohra tirribatti li hija qatt ma nnegozjat mas-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandha ebda relazzjoni guridiika mal-imsemmija socjeta' atttrici.

It-Tribunal jidhirlu li din l-eccezzjoni hija nfondata u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

Mix-xxhieda ta' Joseph Borg, li ddikjara li huwa kien il-peersuna principalment responsabbli ghan-negozjati rigwardanti l-kuncert ghan-nom tal-Fondazzjoni konvenuta, jirrizulta li huwa kien innegozja ma' Massimo Ellul u mill-provi rrizulta li dan tal-ahhar huwa kap ezekuttiv tas-socjeta' attrici, li kif diga' spjegat aktar il-fuq hija sussidjarja tal-M&E Management Group.
Mill-kopji tal-iskritturi li gew iffirmati bejn M&E (Markering & Entertainment) Co. Ltd u l-Fondazzjoni konvenuta jirrizulta kjaarament li din il-kumpanija tifforma parti minn M&E Management Group u dan ghaliex kull frtehim huwa ntestat bil-logo u bid-dettalji ta' dan il-grupp.

Il-ftehim rigwzrdanti s-servizzi ta' sigurta' sar b'mod verbali waqt li keinu qed isiru n-negozjati l-ohra rigwardanti l-kuncert u mill-provi rrizulta li r-rapprezentanti tas-socjeta' atttrici kienu prezenti ghal dawn in-negozjati flimkien mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta.

Joe Borg jammetti lli in kwantu jirrigwarda l-kuncert saru diversi negozjati u skritturi ma socjetajiet differenti izda l-Fondazzjoni konvenuta esebiet biss il-kopji tal-iskritturi li saru ma' M&E (Marketing & Entertainment) Group.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel eccezzjoni tal-Fondazzjoni konvenuta qed tigi michuda.

**<u>L-Eccezzjonijiet tal-Fondazzjoni Konvenuta fil-mertu</u>**

Mix-xhiieda ta' Terry Gosden, Joseph Borg u Br. Joseph Vella jirrizulta li waqt il-kuncert fil-fatt kien hemm servizzi ta' sigurta' u li dawn is-servizzi gew provduti mis-socjeta' attrici. Jirrizulta wkoll li l-Fondazzjoni konvenuta ma

hallsitx ghal dawn is-servizzi ta’ sigurta la lis-socjeta’ attrici, la lill-M&E Management Group jew lil M&E (Maarketing & Entertainment) Co. Limited u l-anqas lill-persuni nfushom li hadu hsieb is-sigurta’, u cioe’ lis-security guards imqabbda mis-socjeta’ attrici li effettivament provdew is-ervizzi ta’ sigurta’. Il-Fondazzjoni konvenuta issostni li dawn is-servizzi kienu komprizi fil-prezz indikat fl-iskritturi ffirmati bejnha u bejn M&E (Marketing & Entertainment) Co. Ltd in kwantu jirrigwarda l-artisti barranin.

L-eccezzjonijiet tal-Fondazzjoni konvenuta fil-mertu wkoll huma ghal kollox infondati u ser jigu michuda u dan stante illi mill-iskritturi li hija stess esebiet, u li saret referenza ghalihom aktar il-fuq, minn imkien ma jirrizulta li l-prezz citat kien jinkludi s-servizzi ta’ sigurta’ li kienu ser jinghataw waqt il-kuncert kif qed tikkontendi l-Fondazzjoni konvenuta fir-rigward. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’ attrici rnexxielha tipprova soddisfacentement li l-ftehim rigward is-servizzi ta’ sigurta’ sar b’mod verbali waqt in-negozjati estensivi li saru relatati mal-kuncert, li dawn is-servizzi effettivament inghataw minnha waqt il-kuncert u li hija ntitolata titlob il-pagament relattiv minghand il-Fondazzjoni konvenuta li nkarigataha taghti dawn is-servizzi u li effettivament gawdiet minn dawn is-servizzi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Fondazzjoni konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-Fondazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u sitt liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,406.74), hbl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-Fondazzjoni konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------